PDF Compressor Pro





*Il-Provinċjal Patri Sandro Overend jidher jinċensa r-relikwa tal-Qaddis Sant'Antnin*

# Festa f'Ġieħ Sant'Antnin ta' Padova

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' Sant'Antnin ta' Padova, iffestiġġjata fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani, f'Għajnsielem, il-Ħadd 3 ta' Ġunju, filgħodu, saret iċ-ċerimonja tat-tberik tal-Ħobż ta' Sant'Antnin mill-Provinċjal tal-Ordni Frangiskan, Patri Sandro Overend, waqt illi il-Gwardjan tal-Kunvent f'Għawdex, Patri Raymond Camilleri qassam il-ħobż lil dawk kollha preżenti fil-Knisja għall-okkażjoni.

Qabel it-tqassim tal-ħobż, il-Wisq Rev. Provinċjal inċensa r-relikwa ta' Sant'Antnin u wara ngħatat qima mill-Patrijiet, l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada u oħrajn.

Filgħaxija saret il-purċissjoni bl-istatwa devota ta' Sant'Antnin, immexxija mill-Wisq Rev. Provinċjal Patri Sandro Overend, akkumpanjata mill-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem, waqt illi l-Banda Mnarja tan-Nadur għamlet programm mużikali fuq iz-zuntier. Il-Banda Ite Ad Joseph tal-Qala għamlet marċi fi Triq Sant'Antnin.

Il-festi għalqu b'ċelebrazzjoni u ngħatat il-Barka Ewkaristika.

Ħadu sehem il-Kor Sant'Antnin immexxi minn Tony Galea u l-Orkestra Għajnsielem *Ensemble*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono. Saru trasmissjonijiet diretti minn fuq Radju Lauretana li wassal ukoll dak li kien qed isir permezz tas-sit elettroniku www.radjulauretana.com



*Waqt il-purċissjoni bl-istatwa ta' Sant'Antnin*

In-nar sar mid-ditta Madonna tal-Virtu tal-Għarb, Għawdex.

F'Jum il-Festa Liturġika, għada l-Erbgħa 13 ta' Ġunju, fis-sebgħa ta' filgħaxija, fil-Knisja msemmija, Mons Isqof Mario Grech ser imexxi quddiesa Pontifikali Solenni, bis-sehem ta' Saċerdoti li jġibu l-isem ta' dan il-Qaddis. Mons Isqof jintona wkoll it-*Te Deum* f'għeluq is-sena Ċentinarja. Jitkanta l-Innu u l-Antifona tal-Qaddis u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika.



*Il-Gwardjan Patri Raymond Camilleri jidher jagħti ħobża mbierka ta' Sant'Antnin lil Miriam Cauchi, xebba Zammit mir-Rabat, Għawdex u li toqgħod Għajnsielem u li għandha lil ħuha Emanuel jgħix hawn Sydney. Jidher ukoll Fra Lorrie Zerafa*

**MINN GĦAWDEX**



ma' **Charles Spiteri**



*Uħud mit-tfal tal-Kindergarten li ħadu parti fil-festival*

# Attivitajiet fl-Iskola Primarja tar-Rabat

L-iskola primarja tar-Rabat fi ħdan il-Kulleġġ ta' Għawdex organizzat *Open Day* fejn matulha l-ġenituri u l-pubbliku inġenerali kienu mistiedna jżuru l-iskola, jaraw x'isir u jieħdu sehem fil-ħafna attivitajiet li saru.

Dawn kienu jinkludu lezzjonijiet tal-arti, matematika u xjenza, drama, logħob, *festival* imtella' mit-tfal kollha tal-*Kindergarten*, rokna tal-ikel nutrittiv u esebizzjonijiet ta' xogħol it-tfal.

Fi tmiem il-ġurnata ġew premjati l-istudenti tal-ħames u s-sitt sena u dan fuq il-ħidma li huma wettqu fis-sena skolastistika li għaddiet. Il-konkorrenza tan-nies kienet waħda tajba ħafna.




*Uħud mill-ġenituri jiggostaw u jieħdu r-ritratti t'uliedhom*



*Logħob mat-tfal*

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***